ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

27 MAR 2024

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 595**

**It-Tlieta 27 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**595.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

595.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat.

**595.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

595.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 590.9.2 u wara l-kliem 'l-attività t' April għandha tiġi diskussa aktar 'il quddiem' jiżdied il-kliem 'minħabba tħassib dwar il-fondi matul l-attivitajiet tal-anzjani.' Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill unanimament approva l-minuti tal-590 laqgħa kif emendati.

595.2.2 Il-minuti tal-591, 592, 593 u 594 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku.

**595.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

595.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti waqt il-korsijiet tal-mużika 'Skola Banda', liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000.

595.3.2 Is-Sindku rrefera għat-talba li kienet saret mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex tiġi organizzata l-attività *Zabbar Autofest* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività nhar il-Ħadd 28 t'April ġewwa Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u li l-ispiża tal-Kunsill għal din l-attività ma taqbiżx is-somma ta' €3,000.

595.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq u qal li l-Kunsill ġie mitlub jagħti isem ta' triq għad-daħla li hemm fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku ssuġġerixxa li din id-daħla tissemma Triq it-Tabib Lawrence Fenech. Is-Sinjura Anna Calleja esprimiet tħassib dwar inkonvenjent potenzjali għar-residenti minħabba l-bidla tal-isem. Is-Sindku spjega li kien il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq kien irċieva talba mir-residenti biex din id-daħla fi Triq il-Vittorja tingħata isem ta' triq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li d-daħla li hemm fi Triq il-Vittorja tingħata l-isem Triq it-Tabib Lawrence Fenech. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand ir-residenti sabiex tingħata isem għal triq ġdida li nfetħet ġdida bejn Triq Dun Victor Cauchi u Patri Feliċjan Grech. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius,

il-Kunsill qabel unanimament li din it-triq ġdida tingħata l-isem Triq il-Professur Anġlu Psaila. Is-Sindku rrefera għal-lista ta' personaġġi li l-Kunsill għandu sabiex tissemma triq għalihom u talab li f'din il-lista jiżdied l-isem Dr Cassar Delia.

595.3.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Malcolm Schembri sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill jiġi stampat fuljett tal-Ġimgħa Mqaddsa 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-orħos offerta sabiex jiġi stampat 300 fuljett, in-nefqa kienet ser tammonta għal €346.50. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jistampa fuljett tal-Ġimgħa Mqaddsa 2024 bil-kollaborazzjoni mas-Sur Malcolm Schembri u li dan il-fuljett jiġi stampat għand *Bonnici Press Limited* għall-prezz ta' €346.50 VAT inkluż.

595.3.5 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva stedina uffiċjali għall-festivitajiet ta' *Eschenfest* li ser isir f'Mejju li ġej. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti sabiex jinfurmawh f'każ li huma nteressati li jmorru *Eschborn.* Peress illi ħadd mill-membri preżenti ma wera x-xewqa li jmur *Eschenfest,* is-Sindku ppropona li d-delegazzjoni għal *Eschenfest* tkun magħmula mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni għal *Eschenfest* għandha tkun komposta mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

595.3.6 Fis-6.35 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

595.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva proposta minn Pavoa de Varzim dwar inizjattiva ta' skambju kulturali li tinvolvi konkors ta' pittura għal studenti żgħażagħ. Il-proposta kienet dwar avveniment imsejjaħ Praça dos Pintores li ser isir nhar is-Sibt, 11 ta' Mejju, 2024 bit-tema "Vjolenza, le! Żebgħa d-dinja bil-kuluri!" L-inizjattiva kellha l-għan li tipprovdi lill-istudenti żgħażagħ, partikolarment dawk li jistudjaw il-pittura u l-arti viżiva ta' bejn l-14 u s-17-il sena, b'opportunità għal konkors ta' pittura. Is-Sindku ssuġġerixxa l-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'din l-inizjattiva u ppropona li jintbagħtu żewġ parteċipanti residenti Żabbarin, akkumpanjati minn membru tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomandat li tinħareġ espressjoni ta' interess għaż-żgħażagħ interessati u li jitwaqqaf bord tal-għażla biex jintgħażlu l-parteċipanti, bis-Sindku issuġġerixxa li l-membri tal-bord ikunu magħmul minn għalliema tal-arti. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill ikopri l-ispejjeż tat-titjira, peress li l-bqija tal-ispejjeż ser ikunu koperti minn Povoa de Varzim. Is-Sur Joseph Agius esprima r-rieda tiegħu li jakkumpanja liż-żgħażagħ parteċipanti. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ espressjoni ta' interess, jifforma bord tal-għażla magħmul minn għalliema tal-arti, li s-Sur Joseph Agius jakkumpanja lill-parteċipanti, u jkopri l-ispejjeż tat-titjira tal-ajru.

595.3.8 Is-Sindku rrefera għall-kwistjoni ta' drenaġġ f'residenza fi Triq is-Santwarju minħabba l-preżenza ta' arblu ornamentali tad-dawl fejn il-Kunsill kien qabel li

jindirizza din il-kwistjoni. Madankollu, waqt il-preparamenti sabiex isir ir-rilokazzjoni tal-arblu, ir-resident talab ukoll li jsiru t-tiswijiet fil-konnessjoni tad-drenaġġ, u allega li l-ħsara kienet ikkawżata mill-preżenza tal-arblu. Is-Sindku enfasizza li l-arbli kienu twaħħlu aktar minn 25 sena ilu u ppropona li ma tiġix aċċettata t-talba addizzjonali għal tiswijiet, peress li l-Kunsill ma setax jinżamm responsabbli wara perjodu daqshekk twil. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax it-talba għal tiswijiet addizzjonali fil-konnessjoni tad-drenaġġ.

595.3.9 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li kienu għaddejin fil-lokalità. Dwar ix-xogħol infrastrutturali li kien għaddej fi Triq il-Kbira minn Infrastruttura Malta, is-Sindku qal li x-xogħol kien miexi ġmielu u li bħalissa kienu qed jinbidlu l-*culverts* tal-ilma tax-xita fil-viċinanzi tal-iskola tas-sorijiet 'St Angela'. Sar ix-xogħol ta' żebgħa mar-*roundabout* li saret bejn Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Triq tal-Labour u tkompla x-xogħol infrastrutturali mill-Gvern Ċentrali fi Triq Santa Duminka. *Project Green* kienu bidlu l-pjanti li hemm mal-*green wall* fl-ex venda skont il-bżonn. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni SPI/SCI/1/2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025 kif ukoll l-applikazzjoni Progetti fil-Komunitajiet 2024. Ġiet sottomessa wkoll l-*objection* għall-applikazzjoni tal-*Planning Authority* PA/00216/24 – Triq Papa Piju XII k/m Triq iċ-Ċimiterju.

595.3.10 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq il-Kbira maġenb il-ħanut tar-ritratti kienet ressqet il-pjanċa tal-ħadid u kien hemm kanal mikxuf li kien ta' periklu għall-*pedestrians* u għas-sewwieqa. Is-Sindku spjega li dik il-ħofra m'għandhiex x'taqsam max-xogħlijiet infrastrutturali li qed isiru minn Infrastruttura Malta imma kienet *drainage house connection* privata. Is-Sindku spjega li mhux għax kienet ressqet il-pjanċa iżda għax il-pjanċa ma kinitx kbira biżżejjed biex tgħatti l-kanal li kien tħaffer minn kuntrattur privat. Barra minn hekk is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien avża lill-kuntrattur responsabbli sabiex ineħħi l-periklu. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li matul din il-ġimgħa, l-awdituri tal-Gvern kienu qed iwettqu l-awditjar annwali tal-Kunsill.

595.3.11 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li kienu twaħħlu l-*bollards* tal-ħadid fl-ex venda permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Port. Il-ħaddiema tar-Reġjun kienu għamlu wkoll ix-xogħol tal-ħadid li sar fl-art sabiex il-*bollards* ikunu jistgħu jinqalgħu f'każ li l-venda tkun ser tintuża għal xi attività. Is-Sindku semma li grupp ieħor ta' ħaddiema tal-manutenzjoni mir-Reġjun Port kien ġie nkarigat ikompli t-tiswija tas-saqaf tal-gallerija interna taċ-Ċentru Ċiviku, minħabba li kien f'riskju li jiġġarraf. Is-Sindku qal li anke l-ħaddiema li huma sekondati mal-Kunsill permezz tal-*Community Work Scheme* kienu ħadmu fl-ewwel fażi tax-xogħlijiet, imbagħad il-ħaddiema tar-Reġjun komplew it-tieni fażi tax-xogħlijiet tal-manutenzjoni meħtieġa. Barra minn hekk il-ħaddiema tar-Reġjun Port kienu għamlu xogħol ta' kostruzzjoni u manutenzjoni ta' bankini u baxxew il-bankini sabiex ikunu aċċessibli għall-persuni b'diżabilità. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien qed jaħdem b'mod attiv biex tiġi solvuta il-kwistjonijiet relatata mad-dawl fil-Park tal-

Klieb u li matul il-ġimgħat li ġejjin il-Kunsill mistenni jibda x-xogħlijiet tal-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

595.3.12 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsill kien xtara kotba addizzjonali għal-librerija bħala parti minn inizjattiva ta' investiment bil-għan li tarrikkixxi l-kollezzjoni tal-librerija. Is-Sindku saħaq li dan l-investiment sar bil-ħsieb li l-pubbliku jingħata għażla aktar vasta u ikbar ta' kotba.

595.3.13 Is-Sindku qal illi kien ser isir xogħol ta' restawr tan-niċċa ta' San Nikola permezz ta' studenti mill-MCAST u kompla jgħid li l-Kunsill se jkopri l-ispiża tal-materjal meħtieġ għar-restawr. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku biex iġib l-approvazzjoni mill-entitajiet konċernati qabel ma jibdew ix-xogħlijiet ta' restawr tan-niċċa.

**595.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

595.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**595.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

595.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Jannar 2024 u s-27 ta' Frar 2024 li kienet tammonta għal €69,836.28.

**595.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Diċembru 2023**

595.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2023. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2023.

**595.7 Ingaġġ skrivan / a (Skala 15)**

595.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat r-rapport tal-Bord tal-Intervisti dwar l-intervisti li kienu saru għall-ingaġġ ta' Skrivan/a Skala 15 mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li l-applikant ma kienx adattat għal din il-kariga. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport tal-Bord tal-Intervisti. Barra minn hekk sar qbil li ssir talba lil *Jobs Plus* biex jibgħatu l-lista tal-kandidati eleġibbli li qegħdin jirreġistraw taħt Part 1, Part 2 u Part 3 mal-korporazzjoni sabiex jitkompla l-proċess tal-ingaġġ.

**595.8 Premju Mara 2023/2024**

595.8.1 Is-Sindku rrefera għat-tnedija ta' premju ta' Jum il-Mara 2023/2024. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva nominazzjoni f'dan ir-rigward u żied jgħid li hu wkoll xtaq jipproponi persuna għal dan il-premju.

595.8.2 Fis-6.51 ta' filgħaxija, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

595.8.3 Fis-6.58 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

595.8.4 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-ismijiet tan-nisa li ġew nominati. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lis-Surġent Caroline Camilleri għall-premju ta' Jum il-Mara 2023/2024.

**595.9 Deċiżjoni /Aġġudikazzjoni ta' offerti;**

- **Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021)**

595.9.1 Is-Sur Mark Grech iddikjara li kellu kunflitt ta' interess dwar din id-deċiżjoni u għalhekk talab li jkun skużat sakemm tiġi diskussa din il-materja u sabiex ma jieħux sehem f'din id-diskussjoni u fid-deċiżjoni.

595.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-kuntratt għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021) li kien ser jiskadi fit-8 ta' Ġunju, 2024 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jirċievi diversi lmenti dwar iż-żamma tas-*soft areas* u talab lill-Kunsill biex ma jġedditx dan il-kuntratt. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien bagħat id-*default notice* lill-kuntrattur responsabbli u kien irċieva ittra legali bħala risposta. Is-Sindku qara l-ittra legali li l-Kunsill kien irċieva. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk qatt rawx fjuri staġjonali mħawwla u żied jgħid li mhux minnu li l-kuntrattur kien jibgħat ritratti tax-xogħlijiet li jkunu saru. Barra minn hekk mhux vera li ssir tisqija regolari, dan peress illi mas-siġar qatt ma jkun hemm tħaffir ta' konok tat-tisqija. Is-Sindku żied jgħid li wara li ntbgħatet id-*defualt notice*, matul il-ġimgħa li għaddiet, il-kuntrattur kien wettaq xi żbir ta' siġar iżda fil-kuntratt kien hemm imniżżel ħafna aktar xogħlijiet li jridu jsiru. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jġedditx il-kuntratt u li tinħareġ sejħa mill-ġdid għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts*.

595.9.3 Fis-7.04 ta' filgħaxija il-Viċi Sindku talbet li tkun skużata.

595.9.4 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* u li dan il-kumitat

għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Brian Farrugia, mis-Sur Marco Cassar u mis-Sur Duncan Hall.

- **Xogħlijiet ta' titjib fil-latrina pubblika ta' Triq iċ-Ċawsli (ZLC 3/2023)**

*595.9.5* Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien hemm żewġ offerti għax-xogħlijiet ta' titjib fil-latrina pubblika ta' Triq iċ-Ċawsli (ZLC 3/2023) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża li kienet mingħand is-Sur George Vella għall-prezz ta' €40,581.70 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System.*

595.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' *Works Manager – Project Co-Ordinator* (ZLC 1/2024) kienet għalqet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li wieħed mill-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti, il-Perit Edward Said, kien iddikkjara li kellu kunflitt ta' nteress u għaldaqstant talbet li jinħatar membru ġdid minfloku. Fuq proposta tas-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li minflok il-Perit Edward Said jinħatar il-Perit Nathaniel Sammut.

## 595.10 Ittri legali

595.10.1 L-ittra legali li l-Kunsill irċieva nqrat matul l-item 595.9 Deċiżjoni / Aġġudikazzjoni tal-Offerti.

## 595.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

595.11.1 Is-Sur Mark Grech qal illi l-Kunsill kien qabel li jsir *traffic management* fi Triq il-Baħrija u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar dan. Is-Sur Mark Grech semma l-ħtieġa li jsir xi ħaġa minħabba li kienu qed isiru diversi nċidenti tat-traffiku. Is-Sindku qal illi kienu saru l-pjanti u ddaħlu għall-konsultazzjoni ta' Transport Malta, pero' dawn il-pjanti kienu *on hold* minn naħa ta' Transport Malta. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx infurmat dwar kif iddaħħlet il-proposta ta' *traffic management.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma kellux kopja ta' dawn il-pjanti. Is-Sindku qal illi kien ser jiċċekkja minħabba li kien għadda wisq żmien u bl-amment ma kienx jiftakar.

595.11.2 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li jsiru l-*hatching lines* fi Triq tal-Labour maġenb it-*traffic lights*. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jerġa' iressaq

din it-talba lill-*Infrastructure Malta* minħabba li dawn tneħħew meta saru x-xogħlijiet ta' *resurfacing* f'din it-triq.

595.11.3 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet talba li kienet irċeviet mingħand ir-residenti sabiex jitwaħħlu żewġ bankijiet fi Triq iċ-Ċimiterju fil-viċinanzi tan-niċċa ta' Ġesu Redentur. Is-Sindku qal illi ma kienx hemm fejn jeħlu dawn il-bankijiet u ma kienx ser ineħħi spazji ta' parkeġġi sabiex minflok jitwaħħlu l-bankijiet. Barra minn hekk minħabba sigurtà mhux possibli li l-bank jeħel qalb l-ispazji ta' parkeġġi.

595.11.4 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir bankina fi Triq il-Kaħwiela minħabba li jgħaddu vetturi b'veloċita qawwija. Is-Sindku qal li huwa diġa kien tkellem mar-residenti sabiex jara jekk humiex lesti li jaċċettaw li ssir *road hump* quddiem ir-residenza tagħhom. Barra minn hekk is-Sindku żied jgħid li din it-triq għada ma ġiet qatt asfaltata u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabbilta' ta' Transport Malta.

595.11.5 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet attendiet *training session* organizzata minn *The Malta Foundation for the Wellbeing of Society – Rights Project*. Matul din is-sessjoni l-Kunsill ġie mħeġġeġ joħloq Kunsill tat-Tfal sabiex jiġu diskussi materji mit-tfal mingħajr aġenda. Is-Sindku qal illi kien jaf dwar din l-inizjattiva u li kien jaqbel ma' dan il-kunċett.

595.11.6 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kien ser jitkompla x-xogħol infrastrutturali mill-Gvern Ċentrali fi Triq ta' Wied il-Għajn. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kellux informazzjoni dwar dan. Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-problema ta' drenaġġ li hemm f'din it-triq.

595.11.7 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq Santa Marija fil-parti d-dejqa kienu nħarġu xi qsari maġenb bieb partikolari. Is-Sur Joseph Agius qal illi t-triq dejqa u dawn il-pjanti kienu qed joħolqu periklu għall-*pedestrians* li jkunu għaddejjin mit-triq minħabba li m'hemmx bankina.

595.11.8 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jsir tindif fi Trejqet Wied ta' Mazza minħabba li kien inqata' il-ħaxix u baqa' ma ngabarx.

595.11.9 Is-Sur Joseph Agius qal illi matul il-laqgħat preċedenti kien talab li jsir tindif fi Triq is-Saqwi iżda dan ma sarx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fit-18 ta' Jannar kien inqata' l-pal tal-bajtar li kien hemm ħiereġ fuq il-bankina u li l-kuntrattur responsabbli mill-knis tat-toroq kien naddaf din it-triq. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Agius sabiex jieħu ritratti tal-ħmieġ li kien qed isemmi.

595.11.10 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar korsijiet tal-FITA u talab li l-Kunsill jorganizza dawn il-korsijiet bil-kollaborazzjoni magħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-FITA hija entità Governattiva ffukata biex tassisti persuni 'l fuq minn 50 sena u persuni b'diżabilità fit-teknoloġija u li toffri korsijiet ta' taħriġ b'xejn dwar l-użu bażiku tat-teknoloġija fil-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal illi kien ser jagħmel kuntatt ma' din l-entità

sabiex jibda diskussjoni magħhom. Barra minn hekk il-Kunsill irid jiċċekkja jekk is-sala tal-Kunsill tkunx disponibbli. Is-Sur Joseph Agius qal li huwa lest joffri l-assistenza tiegħu f'każ li jkun hemm bżonn.

**595.12 Mozzjonijiet**

595.12.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**595.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

595.13.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

595.13.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.22 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-596 laqgħa li saret nhar it- Tlieta 26 ta' Marzu, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku